31999L0007

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/7/KE

tas-26 ta' Jannar 1999

li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE dwar tagħmir għall-immanuvrar ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE tat-8 ta' Ġunju 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar tagħmir għall-immanuvrar ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/62/KEE ([2]), u partikolarment l-Artikolu 3 tagħha,

Billi d-Direttiva 70/311/KEE hija waħda mid-direttivi separati tal-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE li kienet stabbilita permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE ([3]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/14/KE ([4]), li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom; billi sussegwentement id-dispożizzjonijiet stabbiliti bid-direttiva 70/156/KEE li għandha x'taqsam mas-sistema, il-komponenti u t-taqsimiet tekniċi separati tal-vettura japplikaw għad-Direttiva 70/311/KEE;

Billi, invista ta' l-applikazzjoni prattika tad-Direttiva 70/311/KEE, huwa meħtieġ li jkun assigurat li dispożizzjonijiet uniformi jkunu stabbiliti li huma wkoll allinjati mal-verżjoni l-aktar riċenti tar-Regolament UN-ECE Nru 79 fl-Istati Membri kollha;

Billi l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE jistabbilixxi l-format u l-kontenut tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip KE; billi l-istess speċifikazzjonijiet għandhom ikunu adottati għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva;

Billi d-Direttiva 70/311/KEE għandha tkun adattata kif xieraq;

Billi l-miżuri li hemm previsti f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-addattament tal-progress tekniku stabbilit bid-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 70/311/KEE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 1*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'vettura' tfisser kull vettura kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 70/156/KEE.";

2. fl-Artikolu 3, "L-Anness" huwa mibdul b"L-Annessi";

3. l-Annessi huma emendati skond l-Anness għal din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 1999, Stati Membri ma jistgħux fuq il-bażi rrelatati għat-tagħmir għall-immanuvrar:

– jirrifjutaw, fir-rispett ta' tip ta' vettura, sabiex jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE jew l-approvazzjoni jew l-approvazzjoni ta'tip nazzjonali, jew

– jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz ta' vetturi,

jekk il-vetturi jkunu konformi mal-ħtiġiet tad-Direttiva 70/311/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Ottubru 2000, l-Istati Membri

– ma għandhomx aktar jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE, u

– jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip fuq bażi nazzjonali

għal vettura ġdida fuq il-bażi li jirrigwarda t-tagħmir għall-immanuvrar jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 70/311/KEE kif emendata permezz ta' din id-Direttiva ma jkunux aktar onorati.

3. B'effett mill-1 ta' Ottubru 2001, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda tal-kategorija M_2, M_3, N_2, jew N_3 mgħammra b'tagħmir awżiljarju għall-immanuvrar li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/311/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 1999 l-aktar tard. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif din ir-referenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 133, tat-18.6.1970, p. 10.
([2]) ĠU L 199, tat-18.7.1992, p. 33.
([3]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.
([4]) ĠU L 91, tal-25.3.1998, p. 1.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Jannar 1999.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Id-Direttiva 70/311/KEE hija emendata kif ġej:

1. il-lista ta' l-Annessi hija emendata biex taqra:

"IL-LISTA TA' L-ANNESSI

1. *L-Anness I:* Skop, definizzjonijiet, applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip KE, għoti ta'dispożizzjonijiet ta' kostruzzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE, dispożizzjonijiet tat-test, modifikazzjonijiet tat-tip u emendi għall-approvazzjonijiet, b'konformità tal-produzzjoni

L-Appendiċi 1: Dokument ta' l-informazzjoni

L-Appendiċi 2: Certifikat ta' l-approvazzjonu tat-tip

2. *L-Anness II:* Rendiment ta' l-ibbrejkjar għall-vetturi li jużaw l-istess sors ta' enerġija għad-direzzjoni u l-ibbrejkjar

3. *L-Anness III:* Dispożizzjonijiet addizzjonali għall-vetturi b'apparat ta' direzzjoni awżiljarja (*ASE*)

4. *L-Anness IV:* Dispożizzjonijiet għal karrijiet li għandhom trasmissjoni ta' direzzjoni purament idrawlika";

2. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

1. it-titolu huwa emendat biex jinqara:

"**SKOP, DEFINIZZJONIJIET, APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP-KE, GĦOTI TA' DISPOŻIZZJONIJIET TA' KOSTRUZZJONI TAT-TIP APPROVAT KE, DISPOŻIZZJONIJIET TAT-TEST, MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET, B'KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI**";

2. il-punt ġdid "0" huwa miżjud kif ġej:

"0. Skop

0.1. Din id-Direttiva tapplika għat-tagħmir ta' l-immanuvrar ta' vetturi tal- kategoriji M, N u O kif definit fl-Anness IIA mad-Direttiva 70/156/KEE.

0.2. Ma tkoprix tagħmir ta' l-immanuvrar bi trasmissjoni purament pnewmatika, purament elettrika jew trasmissjoni purament idrawlika ħlief:

0.2.1. Tagħmir awżiljarji ta' l-immanuvrar (*ASE*) bi trasmssjoni idrawlika purament elettrika jew purament idrawlika għal vetturi tal-kategoriji M u N;

0.2.2. Tagħmir ta' l-immanuvrar bi trasmissjoni purament idrawlika għal vetturi tal-kategorija O;"

3. il-punt 1.5.3.4 huwa emendat biex jinqara kif ġej:

"1.5.3.4 *It-tagħmir awżiljarju għall-immanuvrar* (*ASE*) li fih ir-roti tal-fus (fusien) tal-vetturi tal-kategorija M u N huma misjuqa flimkien mar-roti li jipprovdu enerġija ta' direzzjoni prinċipali mhux purament elettrika, idrawlika jew pnewmatika, fl-istess direzzjoni jew fid-direzzjoni opposta għar-roti li jipprovdu l-enerġija tad-direzzjoni prinċipali, u jew l-angolu tad-direzzjoni ta' quddiem, taċ-ċentru u/ jew tar-roti ta' wara jistgħu ikunu aġġustati relattivament għall-komportament tal-vettura.";

4. il-punt 2.1. huwa emendat biex jinqara kif ġej:

"2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE bi qbil mal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE tat-tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir għall-immanuvrar tagħha għandha tingħata mill-fabbrikant.";

5. il-punt 2.2 huwa emendat biex jinqara kif ġej:

"2.2. Mudell għad-dokument ta' l-informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 1.";

6. il-punt 3 huwa emendat biex jinqara kif ġej:

"3. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE TAT-TIP TA' VETTURA

3.1. Jekk il-ħtiġiet relevanti ikunu miħuqa, l-approvazzjoni tat-tip KE bi qbil ma' l-artikolu 4(3) u, jekk applikabbli, 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.

3.2. Mudell għall-approvazzjoni tat-tip KE iċċertifikat huwa mogħti fl-Appendiċi 2.

3.3. In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip bi qbil ma' l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għandu jkun assenjat għal kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.";

7. fil-punt 4.1.1, it-tieni paragrafu, "L-Anness IV" huwa mibdul b'"L-Anness III" u "L-Anness V" huwa mibdul b' "L-Anness IV";

8. il-punti 4.1.6 u 4.1.6.1 huma mħassra;

9. fil-punti 4.2.4.1.2 u 4.2.4.1.3, "L-Anness III" huwa mibdul b'"L-Anness II" u n-nota tal-qiegħ pertinenti hija emendata sabiex tinqara:

"([1]) Il-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness II jistgħu ukoll ikunu mistħarrġa matul it-testijiet ta' l-approvazzjoni bi qbil mad-Direttiva 71/320/KEE.";

10. fil-punt 5.2.1, l-l-inċiżi u t-test sussegwenti huma rranġati mill-ġdid kif ġej:

"— il-kategorija ta' vetturi M_1: 50 km/h,

— il-kategoriji ta' vetturi M_2, M_3, N_1, N_2 u N_3: 40 km/h,

jew id-disinn massimu ta' veloċità jekk dan huwa anqas mill-veloċità mogħtija hawn fuq.";

11. fit-tabella tal-punt 5.2.6.2., il-kolonna "*Intact, Turning radius*" (intatt, raġġ tat-tidwir), żid ir-referenza tan-nota tal-qiegħ "([1])" fil-linja "M_3".

12. Wara l-punt 5.3.4, iż-żewġ punti ġodda 6 u 7 huma miżjuda sabiex jinqraw kif ġej:

"6. MODIFIKI TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONI

6.1. Fil-każ ta' modifikazzjonijiet tat-tip approvat permezz ta' din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

7. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

7.1. Il-miżuri sabiex jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.";

13. Fit-tmiem ta' l-Anness I, l-Appendiċi 1 u 2 segwenti huma miżjuda:

"L-Appendiċi 1

DOKUMENT TA' L-INFORMAZZJONI Nru… (*)

insegwitu ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE li tirrigwarda l-approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħmir għall-immanuvrar (id-Direttiva 70/311/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva … /… /KE)

L-informazzjoni segwenti, jekk applikabbli, għandha tkun fornuta fi tliet kopji u tinkludi lista tal-kontenuti.

Kull tpinġija għandha tkun fornuta bi skala xierqa u b'dettal suffiċjenti fuq folja ta' qies A4 jew fuq folja mitwija ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistema, il-komponenti jew it-taqsimiet tekniċi separati għandhom kontrolli elettroniċi, l-informazzjoni li tikkonċerna r-rendiment tagħhom għandha tkun fornuta.

(*) In-numri tal-punti u n-noti tal-qiegħ użati f'dan id-Dokument ta' l-Informazzjoni jikkorrispondu ma' dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti mhux relevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva huma maqbuża.

0. ĠENERALI

0.1. L-għamla (isem tan-negozju tal-fabbrikant): . . . . . .

0.2. Tip . . . . . .

0.3. Il-mod ta' l-identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ([b]): . . . . . .

0.3.1. Il-lokazzjoni ta' dak l-immarkar: . . . . . .

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([ċ]): . . . . . .

0.5. L-isem u l-indirizz tal-fabbrikant: . . . . . .

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) tal-muntaġġ . . . . . .

1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1. Ir-ritratti u/jew it-tpinġijiet ta' vettura rappreżentattiva: . . . . . .

1.3. In-numru tal-fus u tar-roti: . . . . . .

1.3.1. In-numru u l-pożizzjoni tal-fus b'roti doppji: . . . . . .

1.3.2. In-numru u l-pożizzjoni tal-fus ta' l-*isteering*: . . . . . .

1.3.3. Il-fus imqawwi (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni): . . . . . .

1.8. In-naħa tas-sewqan: xellug/lemin ([1]): . . . . . .

2. IL-MASSA U D-DIMENSJONIJIET ([e]) (f'kg u f'mm)
(Irreferi għat-tpinġija fejn applikabbli)

2.1. Il-bażi(jiet) tar-roti (mgħobbija kollha) ([f]): . . . . . .

2.3.1. Il-pedata ta' kull fus ta' l-*isteering* ([i]): . . . . . .

2.4. Il-medda tad-dimensjonijiet tal-vettura (b'kollox) . . . . . .

2.4.1. Għall-bażi mingħajr il-karrozzerija . . . . . .

2.4.1.1. It-tul ([j]): . . . . . .

2.4.1.2. Il-wisa' ([k]): . . . . . .

2.4.1.4. It-tqabbiż fuq in-naħa ta' quddiem ([m]): . . . . . .

2.4.1.5. It-tqabbiż fuq in-naħa ta' wara ([n]): . . . . . .

2.4.2. Għal bażi bil-karrozzerija: . . . . . .

2.4.2.1. It-tul ([j]): . . . . . .

2.4.2.2. Il-wisa' ([k]): . . . . . .

2.4.2.4. It-tqabbiż fuq in-naħa ta' quddiem ([m]): . . . . . .

2.4.2.5. It-tqabbiż fuq in-naħa ta' wara ([n]): . . . . . .

2.8. Il-Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli mistqarra mill-fabbrikant ([y]) (massimu u minimu): . . . . . .

2.9. It-tagħbija/Il-massa massima teknikalment permissibbli fuq kull fus: . . . . . .

6. SOSPENSJONI

6.6. It-*tyres* u r-roti

6.6.1. It-tagħqid tat-*tyres* u r-roti (għat-*tyres* indika d-deskrizzjoni tal-qies, l-indiċi tal-kapaċità minima tat-tagħbija, simbolu tal-kategorija minima tal-veloċità; għar-roti indika d-daqs(ijiet) taċ-ċirku tat-tqabbiż

6.6.1.1. fus 1: . . . . . .

6.6.1.2. fus 2: . . . . . .

etc.

6.6.3. Il-pressjoni tat-*tyre* kif rakkomandat mill-fabbrikant tal-vettura: . . . . . kPa

7. L-*ISTEERING*

7.1. Djagramma skematika tal-fus(ijiet) ta' l-*isteering* li turi l-ġeometrija ta' l-*isteering*: . . . . . .

7.2. It-trasmissjoni u l-kontroll

7.2.1. It-tip ta' trasmissjoni ta' l-*isteering* (isspeċifika għall-quddiem u għall-wara, jekk applikabbli): . . . . . .

7.2.2. Rabta mar-roti (li tinkludi ohrajn apparti milli mezzi mekkaniċi; speċifika għall-quddiem u għall-wara, jekk applikabbli): . . . . . .

. . . . . .

7.2.3. Il-metodu ta' l-assistenza, jekk hemm: . . . . . .

7.2.3.1. Il-metodu u d-djagramma tal-funzjoni, għamla(għamliet) u tip(i): . . . . . .

7.2.4. Id-djagramma tat-tagħmir ta' l-*isteering* bħala parti intiera, li turi l-pożizzjoni fuq il-vettura tad-diversi apparati li jaffettwaw il-komportament ta' l-*isteering* tagħha: . . . . . .

7.2.5. Id-djagramm(i) skematiċi tal-kontroll(i) ta' l-*isteering*: . . . . . .

7.3. L-angolu massimu ta' l-*isteering* tar-roti

7.3.1. lejn il-lemin: . . . . . .°

Numru ta' tidwir tar-rota ta' l-*isteering* (jew informazzjoni ekwivalenti): . . . . . .

7.3.2. lejn ix-xellug: . . . . . .°

Numru ta' tidwir tar-rota ta' l-*isteering* (jew informazzjoni ekwivalenti): . . . . . .

L-Appendiċi 2

MUDELL

(format massimu A4 (210 × 297 mm)

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

– l-approvazzjoni tat-tip ([1])

– l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

– iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

– l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1])

ta' tip ta' vettura/komponent/taqsima teknika separata ([1]) f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 70/311/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva … /… /KE)

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip ([1]) . . . . . .

Ir-raġuni għall-estensjoni: . . . . . .

IT-TAQSIMA I

0.1. L-għamla (isem tan-negozju tal-fabbrikant): . . . . . .

0.2. It-tip . . . . . .

0.3. Il-mezzi ta' l-identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/taqsima teknika separata ([1]) ([2]):

. . . . . .

0.3.1. Il-lokazzjoni ta' dak l-immarkar: . . . . . .

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([1]) ([3]): . . . . . .

0.5. L-isem u l-indirizz tal-fabbrikant: . . . . . .

0.7. Fil-każ tal-komponenti u taqsimiet tekniċi separati, il-lokazzjoni u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal-KE: . . . . . .

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) tal-muntaġġ: . . . . . .

IT-TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): Ara l-Addendum

2. Is-servizzi tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet: . . . . . .

3. Id-data tar-rapport tat-test: . . . . . .

4. In-numru tar-rapport tat-test: . . . . . .

5. Rimarki (jekk hemm): Ara l-Addendum

([1]) Ħassar fejn mhux applikabbli.

([2]) Jekk il-mezzi ta' l-identifikazzjoni tat-tip li jkunu jinsabu f'karattri li ma humiex relevanti sabiex jiddeskrivu l-vettura, il-komponent jew it-tipi tat-taqsima teknika separati koperti minn din l-approvazzjoni tat-tip (ċertifikat) il-karattri bhal dawn għandhom ikunu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni permezz tas-simbolu: "?" (eż. ABC?123??).

([3]) Kif definit fl-Anness IIA tad-Direttiva 70/156/KEE.

6. Il-post: . . . . . .

7. Id-data: . . . . . .

8. Il-firma: . . . . . .

9. L-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni ippreżentata lejn l-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jkun miksub fuq talba, hu mehmuż.

L-Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE — Nru

li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 70/311/KEE
kif l-aħħar emendata bid-Direttiva …/…/KE)

1. Tagħrif addizzjonali:

It-tip ta' l-*isteering*: . . . . . .

Il-kontroll ta' l-*isteering*: . . . . . .

It-trasmissjoni ta' l-*isteering*: . . . . . .

Ir-roti diriġuti . . . . . .

Is-sors ta' l-enerġija: . . . . . .

Ir-rendiment ta' l-ibbrejkjar: . . . . . .

Stqarrija tan-numru ta'l-approvazzjoni tat-tip mogħtija bi qbil mad-Direttiva 71/320/KEE, jekk disponibbli: . . .

u/jew tagħrif li jikkonċerna (vettura ta' l-iprem kwalità) waqt it-testijiet:
mgħobbija/ mhux mgħobbija ([1])

2. Rimarki: . . . . . .

(eż. validu kemm għall-vetturi li huma misjuqa fuq in-naħa tax-xellug kif ukoll dawk ta' fuq in-naħa tal-lemin)

([1]) Ħassar kif xieraq."

3. L-Annessi II, III, IV,V u VI huma emendati kif ġej:

1. L-Anness II huwa mħassar

2. L-Anness III huwa nnumerat mill-ġdid bħala l-Anness II, u l-punt 3 huwa mħassar

3. L-Anness IV huwa nnumerat mill-ġdid bħala l-Anness III, u l-punt 2.2.1.1 huwa mibdul kif ġej

"2.2.1.1. Test Ċirkulari

Il-vettura għandha tinsaq f'test ċirkolari b'radju 'R' (m) u veloċità 'V' (km/h) li jikkorrispondu għall-kategorija tagħha u għall-valuri mogħtija fit-tabella t'hawn taħt:

Kategorija tal-vettura	R ([1])	V ([2]) ([3])
M_1, N_1	100	80
M_2, N_2	50	50
M_3, N_3	50	45

([1]) Jekk l-*ASE* tkun f'pożizzjoni msakkra mekkanikament f'din il-veloċità speċifikata, it-test tal-veloċità jkun immodifikat sabiex jikkorrispondi għall-veloċità massima meta s-sistema tkun tiffunzjona. Il-veloċità massima tfisser il-veloċità meta l-*ASE* issir imsakkra, nieqsa 5 km/h.

([2]) Jekk il-karatteristiċi dimensjonali tal-vettura jimplikaw riskju li tinqaleb, il-fabbrikant għandu jipprovdi lis-servizz tekniku l-informazzjoni tas-simulazzjoni ta' l-imġiba li turi l-veloċità tal-massimu aktar baxx nieqsa mill-periklu sabiex ikun diriġut it-test. Imbagħad is-servizz tekniku jagħżel din il-veloċità tat-test.

([3]) Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tas-sit tat-test, il-valuri tar-radju ma jkunux jistgħu jiġu osservati, it-testijiet ikunu jistgħu jitmexxew fuq toroq b'radji oħra (devjazzjoni massima ± 25 %), kemm il-darba li l-veloċità tvarja sabiex tinkiseb il-ħeffa trasversali li tirriżulta mir-radju u l-veloċità indikata fit-tabella għall-kategorija partikulari tal-vettura.

In-nuqqas għandu jkun introdott meta l-veloċità speċifikata tkun intlaħqet. It-test għandu jinkludi s-sewqan fid-direzzjoni ta' l-arloġġ u fid-direzzjoni kontra dik ta' l-arloġġ.";

4. L-Anness V huwa nnumerat mill-ġdid bħala l-Anness IV;

5. L-Anness VI huwa mħassar.